KONKLUŻJONIJIET TA' L-AVUKAT ĠENERALI
KOKOTT
ippreżentati fit-18 ta' Lulju 2007 [1]

I — Introduzzjoni

1. Id-dritt Taljan għandu mezz effettiv għall-konservazzjoni u t-tfittix ta' provi sabiex jiġi stabbilit il-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Fuq it-talba tas-sid ta' dritt, il-qorti kompetenti tista' — anki qabel ma jiġi ppreżentat ir-rikors dwar il-merti u mingħajr ma tisma' lill-kontroparti — tordna li tinkiseb deskrizzjoni (descrizione) ta' l-oġġett li allegatament jikser id-drittijiet. Id-deskrizzjoni hija mwettqa minn uffiċjal ġudizzjarju akkumpanjat, skond il-każ, minn espert; dan ta' l-aħħar jeżamina l-oġġett viżwalment, jiċċertifikah u jista' jikkonfiska dokumenti jew jieħu kampjuni relevanti.

2. It-Tribunale Civile di Genova (l-Italja) bagħat talba għal assistenza ġudizzjarja lill-awtorità kompetenti fir-Renju Unit sabiex din ta' l-aħħar tiftaħ proċedura għall-kumpilazzjoni ta' provi fir-rigward ta' elementi ta' provi li jinsabu fir-Renju Unit. Il-qorti rikjesta madankollu rrifjutat li teżegwixxi t-talba fuq il-bażi li miżuri ta' dak it-tip ma kinux konformi mal-prattika tagħha.

3. Permezz tad-domanda preliminari tiegħu, it-Tribunale jsaqsi jekk miżura bħal dik ta' deskrizzjoni prevista mid-dritt Taljan tistax tiġi kkwalifikata bħala kumpilazzjoni ta' provi li qorti ta' Stat Membru tista' titlob li tiġi eżegwita minn Stat Membru ieħor skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001, tat-28 ta' Mejju 2001, dwar kooperazzjoni bejn il-qrati ta' l-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda [provi] f'materji ċivili jew kummerċjali [2].

4. Kif jirriżulta mill-osservazzjonijiet ippreżentati mill-Istati Membri, is-sistemi ġuridiċi nazzjonali għandhom kunċetti differenti dwar in-natura tar-rekwiżiti li għandhom jiġu imposti fir-rigward tal-kumpilazzjoni ta' provi u fir-rigward tar-rwol eżerċitat, f'dan ir-rigward, mill-qrati. Dan iwassal ukoll

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

2 — ĠU L 174, p. 1.

għal opinjonijiet differenti dwar il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1206/2001 li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tinterpreta għall-ewwel darba f'din il-kawża.

Kumpilazzjoni ta' provi ma tistax tintalab biex il-partijiet jiksbu mezzi ta' prova li mhumiex intenzjonati li jintużaw fi proċedura li tkun bdiet jew li jkun hemm il-ħsieb li tinbeda.

II — Il-kuntest ġuridiku

L-espressjoni "atti ġudizzjarji oħrajn" ma tinkludix il-preżentata jew in-notifika ta' atti ġudizzjarji, u lanqas miżuri kawtelatorji jew eżekuttivi." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

A — *Konvenzjonijiet internazzjonali*

5. Il-Konvenzjoni ta' l-Aja, tat-18 ta' Marzu 1970, dwar il-kumpilazzjoni ta' provi barra mill-pajjiż f'materji ċivili jew kummerċjali (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' l-Aja dwar il-kumpilazzjoni ta' provi") tapplika biss bejn ħdax-il Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea, fosthom l-Italja u r-Renju Unit [3]. Skond l-Artikolu 1 tagħha:

"F' materji ċivili jew kummerċjali, l-awtorità ġudizzjarja ta' Stat kontraenti tista', b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tagħha, titlob permezz ta' ittra rogatorja lill-awtorità kompetenti ta' Stat kontraenti ieħor biex twettaq kumpilazzjoni ta' provi, kif ukoll atti ġudizzjarji oħrajn.

3 — Ara l-lista ta' Stati kontraenti tal-Konferenza ta' l-Aja dwar id-dritt internazzjonali privat, li tista' titniżżel minn http://www.hcch.net.

6. L-Artikolu 50 tal-Ftehim dwar aspetti relatati mas-suq tal-proprjetà intellettwali (il-ftehim TRIPs) [4] jistabbilixxi r-regola segwenti dwar il-miżuri proviżorji f'każ ta' ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

"1. L-awtoritajiet ġudizzjarji huma awtorizzati jordnaw l-adozzjoni ta' miżuri proviżorji immedjati u effikaċi:

a) biex jimpedixxu li jitwettaq att li jikser dritt ta' proprjetà intellettwali u, b'mod partikolari, biex jimpedixxu d-dħul, fit-

4 — Il-ftehim TRIPs (Agreement on Trade-Related Aspects of Intellectual Property Rights) jikkostitwixxi l-Anness 1 C tal-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ li ġie approvat f'isem il-Komunità, għal dak li jirrigwarda kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenzi tagħha bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 (ĠU L 336, p. 1).

territorji kummerċjali li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħhom, ta' merkanzija, inkluża merkanzija importata immedjatament wara li tinħareġ mid-dwana;

b) biex jissalvagwardjaw elementi ta' provi relatati ma' dak l-allegat ksur.

2. L-awtoritajiet ġudizzjarji huma awtorizzati jadottaw miżuri proviżorji mingħajr ma tinstema' l-kontroparti f'każijiet fejn dan ikun xieraq, b'mod partikolari meta dewmien ikun jista' jikkawża dannu li ma jistax jiġi rrimedjat lil sid id-dritt jew meta jkun hemm riskju evidenti ta' qerda ta' l-elementi ta' prova." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

B — *Id-dritt Komunitarju*

7. Ir-Regolament Nru 1206/2001 [5] li, għall-qasam kopert mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, jipprevali, skond l-Artikolu 21 tiegħu, fuq il-Konvenzjoni ta' l-Aja dwar il-kumpilazzjoni ta' provi, jiddefinixxi fl-Artikolu 1 tiegħu l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu skond kif ġej:

"1. Dan ir-Regolament għandu japplika f'materji ċivili jew kummerċjali fejn il-qorti ta' Stat Membru, bi qbil mad-disposizzjonijiet tal-liġi ta' dak l-Istat, titlob:

a) lill-qorti kompetenti ta' Stat Membru ieħor biex tiġbor x-xhieda; jew

b) li tiġbor x-xhieda direttament fi Stat Membru ieħor.

2. M'għandhiex issir talba biex tinkiseb xhieda li mhijiex maħsuba għall-użu fi proċedimenti ġudizzjarji, li jkunu bdew jew li hemm il-ħsieb li jinbdew.

[...]".

5 — Skond "l-Artikolu 3 tal-protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, ir-Renju Unit u l-Irlanda nnotifikaw x-xewqa tagħhom biex jipparteċipaw fl-adozzjoni u l-applikazzjoni [ta' dak ir-] Regolament" (il-wieħed u għoxrin premessa tar-Regolament Nru 1206/2001).

8. Il-Kapitolu II ta' l-imsemmi Regolament jirregola t-trażmissjoni u l-eżekuzzjoni tat-talbiet. Skond id-dispożizzjonijiet relevanti tiegħu:

"Artikolu 4

[Forma] u kontenut tat-talba

1. It-talba għandha ssir permezz [tal-]formola A jew, fejn xieraq, [il-]formola I fl-Anness. Għandu jkollha d-dettalji li ġejjin:

(a) il-qorti rikjedenti u, fejn xieraq, il-qorti rikjesta;

(b) l-ismijiet u l-indirizzi tal-kuntratti għall-proċedimenti u r-rappreżentanti tagħhom, jekk ikun hemm;

(ċ) in-natura u l-kontenut tas-suġġett talkaż u dikjarazzjoni fil-qosor tal-fatti;

(d) deskrizzjoni tal-kumpilazzjoni ta' xhieda li għandha tkun eżegwita;

(e) fejn it-talba hija għall-eżami ta' persuna:

— l-isem (ismijiet) u l-indirizz(i) talpersuni li għandhom jiġu eżaminati,

— il-mistoqsijiet li għandhom isiru lillpersuni li għandhom jiġu eżaminati jew dikjarazzjoni tal-fatti li dwarhom se jiġu eżaminati,

— fejn xieraq, referenza għal dritt li jirrifjutaw li jagħtu xhieda skond illiġi ta' l-Istat Membru tal-qorti rikjedenti,

— kull ħtieġa li l-eżami jkun eżegwit taħt ġurament jew dikjarazzjoni minflok dan, u kull formola speċjali li għandha tintuża,

— fejn xieraq, kull tagħrif ieħor li l-qorti rikjedenti tqis meħtieġ;

(f) fejn it-talba hija għal xi forma oħra ta' kumpilazzjoni ta' xhieda, id-dokumenti jew oġġetti oħra li għandhom jiġu spezzjonati;

(g) fejn xieraq, kull talba skond l-Artikolu 10(3) u (4), u, l-Artikoli 11 u 12 u xi tagħrif meħtieġ għall-applikazzjoni ta' dan.

[...]"

"Artikolu 7

Riċevuta ta' talba

1. Fi żmien sebat ijiem li tkun rċeviet it-talba, l-qorti kompetenti rikjesta għandha tibgħat għarfien li tkun talbet il-qorti rikjedenti permezz [tal-]formola B fl-Anness. Fejn it-talba ma tikkonformax mal-kondizzjonijiet preskritti fl-Artikoli 5 u 6, il-qorti rikjest għandha tniżżel nota dwar dan fl-għarfien ta' l-irċevuta.

2. Fejn l-eżekuzzjoni ta' talba li ssir permezz ta' formola A fl-Anness, li tikkonforma mal-kondizzjonijiet preskritti fl-Artikolu 5, ma taqax fil-ġuriżdizzjoni tal-qorti li lilha ġiet trażmessa, din ta' l-aħħar għandha tibgħat it-talba lill-qorti kompetenti ta' l-Istat Membru tagħha u għandha tgħarraf il-qorti [li tagħmel it-talba] biha permezz ta' formola A fl-Anness.

[...]"

"Artikolu 10

Dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-eżekuzzjoni tat-talba

[...]

2. Il-qorti rikjesta għandha teżegwixxi t-talba bi qbil mal-liġi ta' l-Istat Membru tagħha.

3. Il-qorti rikjedenti tista' tirrikjedi li t-talba tkun eżegwita bi qbil ma' proċedura speċjali provduta bil-liġi ta' l-Istat Membru tagħha, permezz tal-formola A fl-Anness. Il-qorti rikjesta għandha tikkonforma ma' ħtieġa bħal din minbarra jekk din il-proċedura mhijiex kompatibbli mal-liġi ta' l-Istat Membru tal-qorti rikjesta jew minħabba f'diffikultajiet

prattiċi maġġuri. Jekk il-qorti rikjesta ma tikkonformax mal-ħtieġa għal waħda minn dawn ir-raġunijiet għandha tgħarraf lill-qorti rikjedenti permezz ta' formola E fl-Anness.

[...]"

"Artikolu 13

Miżuri kostrinġenti

Fejn meħtieġ, fl-eżekuzzjoni ta' talba rikjesta għandha tapplika l-miżuri kostrinġenti adatti fl-okkażjonijiet u sal-punt li huma provduti bil-liġi ta' l-Istat Membru tal-qorti rikjesta għall-eżekuzzjoni ta' talba li ssir għall-istess għan mill-awtoritajiet nazzjonali jew minn waħda mill-partijiet konċernata".

"Artikolu 14

Rifjut ta' eżekuzzjoni

[...]

2. B'żieda mar-raġunijiet riferiti f'paragrafu 1, l-eżekuzzjoni ta' talba tista' tiġi rifjutata biss jekk:

(a) it-talba ma tidħolx fl-iskop ta' dan ir-Regolament kif dikjarat fl-Artikolu 1; jew

(b) l-eżekuzzjoni tat-talba skond il-liġi ta' l-Istat Membru tal-qorti rikjesta ma tidħolx fil-funzjonijiet tal-[ġudikatura]; jew

[...]

3. Eżekuzzjoni ma tistax tiġi rifjutata mill-qorti rikjesta għar-raġuni biss li skond il-liġi ta' l-Istat Membru tagħha qorti ta' dak l-Istat Membru għandu ġurisdizzjoni esklussiva fuq il-kontenut tas-suġġett ta' l-azzjoni jew li l-liġi ta' dak l-Istat Membru ma [jirrikonoxxix] id-dritt ta' azzjoni dwar dan.

[...]".

9. Barra minn hekk, għandha ssir referenza għad-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April

2004, dwar l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali [6]. Din id-Direttiva, li l-Istati Membri kellhom jittrasponu qabel id-29 ta' April 2006 [7], tirregola fil-Kapitolu II tagħha l-proċeduri u r-rimedji intenzjonati biex jiżguraw il-ħarsien tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 7 ta' l-imsemmija Direttiva jgħid:

"1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li, anke qabel ma jibdew il-proċeduri fuq il-merti tal-każ, l-awtoritajiet kompetenti ġudizzjarji jistgħu, fuq l-applikazzjoni ta' xi parti li ppreżentat evidenza raġjonevoli u li hi disponnibbli biex jissapportjaw it-talbiet tiegħu/tagħha li d-dritt tal-proprjetà intellettwali tiegħu/tagħha kienu miksura jew kienu sa jinkisru, jordnaw miżuri proviżorji immedjati u effettivi biex tiġi ippreżervata l-evidenza rilevanti fir-rigward tal-kontravenzjoni [ksur] allegata, bla ħsara għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu deskrizzjoni dettaljata, ma' jew mingħajr kampjuni, jew il-qabda fiżika ta' l-oġġetti li biha saret il-kontravenzjoni, u, f'każijiet xierqa, il-materjali u l-istrumenti użati għall-produzzjoni u/jew id-distribuzzjoni ta' dawn l-oġġetti u d-dokumenti relatati magħhom. Dawk il-miżuri għandhom jittieħdu, jekk hu neċessarju mingħajr li l-parti l-oħra tkun nstemgħet, b'mod partikolari fejn dewmien jista' joħloq ħsara irreparabbli lid-detentur tad-drittijiet jew fejn hemm riskju li jista' jintwera li l-evidenza tista' tiġi distrutta. Fejn il-miżuri biex tiġi ppreservata l-evidenza ġew addotati mingħajr ma nstemgħet il-parti l-oħra, il-partijiet affettwati għandhom ikunu notifikati, mingħajr dewmien l-aktar tard wara li tkun saret l-eżekuzzjoni tal-miżuri. Reviżjoni, li tinkludi d-dritt ta' smigħ, għandha ssir fuq talba tal-partijiet affettwati bl-għan li ssir deċiżjoni, fi żmien raġjonevoli wara n-notifikazzjoni tal-miżuri, liema miżuri jiġu modifikati, revokati jew konfermati jew le.

[...]".

C — *Il-liġi nazzjonali*

10. Il-Kodiċi Taljan dwar il-Proprjetà Intellettwali (Codice della Proprietà Industriale, iktar 'il quddiem il-"CPI") [8] jirregola b'mod partikolari l-protezzjoni ġudizzjarja tal-proprjetà intellettwali. Skond l-Artikolu 128 tal-CPI, is-sid ta' dritt jista' jitlob id-deskrizzjoni (descrizione) ta' oġġett li jkun jikser id-dritt tiegħu. Id-deskrizzjoni testendi għal elementi ta' prova li jistabbilixxu l-allegat ksur u l-portata tiegħu. Il-qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-merti tal-każ tista', permezz ta' digriet mhux suġġett għal appell, tordna l-eżekuzzjoni tad-deskrizzjoni. Hija għandha tadotta miżuri bil-għan li tiġi protetta informazzjoni kunfidenzjali u tista'

6 — ĠU L 157, p. 45, b'reffitika fil-ĠU 2004, L 195, p. 16.

7 — Ara l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2004/48.

8 — Digriet leġiżlattiv Nru 30/05, ta' l-10 ta' Frar 2005.

tawtorizza wkoll it-teħid ta' kampjuni. Hija mhijiex obbligata tisma' lill-kontroparti, jekk dan ikun jikkomprometti l-eżekuzzjoni taddigriet. Jekk it-talba għal deskrizzjoni tkun ġiet ifformulata qabel ma jkun ġie ppreżentat rikors dwar il-merti, il-qorti tiffissa għan dan l-iskop terminu massimu ta' 30 jum.

11. Skond l-Artikolu 129 tal-CPI, sid id-dritt li jeħtieġ protezzjoni jista' jitlob ukoll il-qbid ta' merkanzija li tikser id-dritt tiegħu.

12. L-Artikolu 130 tal-CPI jipprevedi b'mod partikolari li d-deskrizzjoni u l-qbid minn uffiċjal ġudizzjarju — megħjun minn espert jekk dan ikun meħtieġ — għandhom isiru blgħajnuna ta' strumenti tekniċi bħal kamera tar-ritratti u strumenti oħrajn. Ir-rikorrent, ir-rappreżentanti tiegħu u konsulenti tekniċi *ex parte* jistgħu jiġu awtorizzati biex jassistu għall-implimentazzjoni tal-miżuri.

III — Il-fatti u d-domandi preliminari

13. Fil-21 ta' Marzu 2005, A. Tedesco ippreżenta quddiem it-Tribunale Civile di Genova talba għal deskrizzjoni skond l-Artikoli 128 u 130 tal-CPI, kontra l-kumpanniji Tomasoni Fittings Srl (iktar 'il quddiem "Tomasoni"), stabbilita f'Ġenova, u RWO (Marine Equipment) Ltd (iktar 'il quddiem "RWO"), stabbilita f'Essex, fir-Renju Unit.

14. Huwa allega li huwa l-inventur ta' sistema ta' rbit u kien ipproteġa din l-invenzjoni billi ppreżenta applikazzjoni għal privattiva. Il-kumpannija RWO, li topera fl-Italja permezz ta' l-impriża distributtiva Tomasoni, skond A.Tedesco offriet għallbejgħ sistema ta' rbit b'karatteristiċi tekniċi identiċi, li għaliha ġiet ippreżentata applikazzjoni għal privattiva wara dik tal-prodott tarrikorrent fil-kawża prinċipali.

15. Fil-5 ta' Mejju 2005, it-Tribunale Civile di Genova ordna, mingħajr ma ġiet mismugħha l-kontroparti, id-deskrizzjoni talprodott li allegatament kien jikser id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali. Id-deskrizzjoni ġiet eżegwita l-ewwel fl-Italja fi ħdan il-kumpannija Tomasoni. Fl-20 ta' Ġunju 2005, il-qorti Taljana, fuq il-bażi tar-Regolament Nru 1206/2001, bagħtet talba lill-uffiċċju tas-Senior Master of the Queen's Bench Division of the Supreme Court of England and Wales. Il-qorti li saritilha t-talba kellha twettaq, skond il-liġi Taljana, deskrizzjoni tal-prodott ta' RWO fil-bini ta' din ta' l-aħħar.

16. Id-deskrizzjoni kellha tirrigwarda wkoll elementi oħrajn li jipprovaw l-aġir li dwaru sar l-ilment, bħal per "eżempju, iżda b'mod

mhux eżawrenti": il-fatturi, id-dokumenti tal-kunsinna, l-ordnijiet ta' ħlas, l-ittri ta' offerti kummerċjali, materjal publiċitarju, data li tinsab fl-arkivji ta' informazzjoni u dokumenti doganali. Il-qorti Taljana, barra minn hekk awtorizzat l-użu ta' kull mezz tekniku, l-assistenza ta' espert u l-qbid ta' eżempji bħala kampjuni. L-operazzjonijiet kellhom ikunu limitati għal dak li kien meħtieġ għall-investigazzjoni. Kien eskluż li r-rikorrent, l-avukati jew il-konsulenti tekniċi tiegħu jiġu awtorizzati jikkonsultaw id-dokumenti.

17. Is-Senior Master irrifjuta, permezz ta' ittra informali, li jipproċedi għad- deskrizzjoni fuq il-bażi li t-tfittxija u l-qbid ta' beni u dokumenti ma kinitx taqa' taħt il-kompetenza ta' l-aġenti tas-Senior Master u li l-operazzjoni li kellha tiġi implimentata ma setgħetx tiġi eżegwita fil-kuntest ta' l-ittra rogatorja.

18. B'digriet ta' l-14 ta' Marzu 2006, it-Tribunale Civile di Genova, fuq bażi preliminari, irrefera lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi li ġejjin:

"1) It-talba intiża sabiex tinkiseb deskrizzjoni, skond l-Artikoli 128 u 130 tal-Kodiċi Taljan, tal-proprjetà industrijali u intellettwali, u skond it-termini stabbiliti minn din il-qorti fil-kuntest ta' din il-kawża, għandha skond u b'mod konformi mar-Regolament KE Nru 1206/2001 tal-Kunsill, tat-28 ta' Mejju 2001, dwar kooperazzjoni bejn il-qrati ta' l-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali, titqies bħala wieħed mill-atti intiż għall-"kumpilazzjoni ta' xhieda" li fir-rigward tagħhom l-awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru tista', fuq il-bażi tar-Regolament hawn fuq imsemmi, titlob lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti ta' Stat Membru ieħor biex tikkumpila l-provi ?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, u fil-każ fejn it-talba għal deskrizzjoni ma tkunx kompluta jew ma tkunx tissodisfa l-kundizzjonijiet msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament, l-awtorità ġudizzjarja li ssirilha t-talba hija obbligata li:

— tibgħat konferma li rċeviet it-talba skond it-termini stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament?

— tindika l-aspetti fejn it-talba mhijiex kompleta, bil-għan li l-awtorità ġudizzjarja rikjedenti tkun tista' tikkompleta u/jew timmodifika t-talba tagħha?"

19. Matul il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom bil-miktub u oralment A. Tedesco, il-Gvernijiet ta' l-Italja, il-Finlandja, l-Iżvezja, is-Slovenja, il-Greċja, Spanja, l-Irlanda u r-Renju Unit kif ukoll il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej.

IV — Evalwazzjoni

A — *Ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari*

20. It-talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunale Civile di Genova tirrigwarda kwistjonijiet ta' interpretazzjoni tar-Regolament Nru 1206/2001 li ġie adottat fuq il-bażi ta' l-Artikoli 61(c) KE u 67(1) KE. Skond l-Artikolu 68(1) KE, huma ammissibbli fil-kuntest tat-Titolu IV KE biss dawk it-talbiet għal deċiżjoni preliminari minn qrati nazzjonali li d-deċiżjonijiet tagħhom m'humiex suġġetti għal rimedju nazzjonali taħt id-dritt nazzjonali. Il-Kummissjoni u l-Gvern Spanjol jesprimu dubji dwar jekk dan huwiex il-każ fil-kawża preżenti.

21. Skond il-ġurisprudenza dwar it-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 234 KE, il-kwalifikazzjoni ta' qorti ta' l-aħħar istanza tiddependi fuq metodu konkret, jiġifieri li qrati inferjuri li d-deċiżjonijiet tagħhom m'humiex suġġetti għal appell fil-proċedura konkreta jitqiesu bħala qrati ta' l-aħħar istanza għall-finijiet tat-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 234 KE [9]. L-obbligu tal-qrati nazzjonali li jagħmlu rinviju preliminari huwa intiż biex tiġi żgurata l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni uniformi tad-dritt Komunitarju u b'mod partikolari sabiex jiġi evitat li tinħoloq fi Stat Membru ġurisprudenza nazzjonali li ma tkunx konformi mar-regoli tad-dritt Komunitarju [10]. Dan il-perikolu jkun jeżisti anki jekk, fil-każ konkret, il-qrati ta' l-aħħar istanza jkunu jistgħu jirrispondu b'mod definittiv dwar punt inċert tad-dritt Komunitarju mingħajr ma jagħmlu rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja.

22. Dawn il-prinċipji japplikaw *a fortiori* fil-kuntest ta' l-Artikolu 68(1) KE peress li huma biss il-qrati ta' l-aħħar istanza li huma awtorizzati jagħmlu rinviju preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja. F'dan ir-rigward, il-limitazzjoni tad-dritt ta' rinviju preliminari għall-qrati ta' l-aħħar istanza hija problematika preċiżament fil-kuntest tar-Regolament Nru 1206/2001, li jirregola l-assistenza ġudizzjarja fil-kumpilazzjoni ta' provi. Fil-fatt, il-konstatazzjoni tal-fatti tipikament taqa' taħt il-kompetenza tal-qrati inferjuri u mhux tal-qrati ta' l-aħħar istanza. Sabiex ir-Regolament Nru 1206/2001 ikun jista' jiġi interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-kun-

9 — Ara s-sentenzi tal-15 ta' Lulju 1964, Costa (6/64, Ġabra p. 1141); ta' l-4 ta' Novembru 1997, Parfums Christian Dior (C-337/95, Ġabra p. I-6013, punt 25), u ta' l-4 ta' Ġunju 2002, Lyckeskog (C-99/00, Ġabra p. I-4839, punti 14 u 15).

10 — Sentenza Lyckeskog, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9, punt 15.

ċett ta' qorti ta' l-aħħar istanza fis-sens ta' l-Artikolu 68(1) KE ma jistax jiġi interpretat b'mod wisq strett. B'mod partikolari, m'huwiex opportun li l-qrati superjuri biss jitqiesu li huma awtorizzati li jagħmlu rinviju preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja.

23. Fil-kawża prinċipali, it-Tribunale Civile di Genova laqa' talba għal deskrizzjoni. Dik il-proċedura tikkostitwixxi miżura ta' konservazzjoni u/jew tfittxija ta' provi li hija deċiża permezz ta' digriet mhux suġġett għal appell [11].

24. Il-Kummissjoni madankollu toġġezzjona li l-proċedura li tordna deskrizzjoni diġà hija magħluqa bl-eżekuzzjoni — anki jekk parzjali — żgurata mill-qorti rikjesta. Skond hija, il-qorti Taljana issa hija involuta fil-proċedura dwar il-merti li ser tingħalaq b'sentenza suġġetta għal appell.

25. Għall-kuntrarju, għandu jiġi kkonstatat li, s'issa, it-talba fil-fatt ma wasslitx għall-implimentazzjoni fir-Renju Unit ta' miżura ta' konservazzjoni jew tfittix tal-provi. Madankollu, il-qorti tar-rinviju hija tal-fehma li l-kumpilazzjoni ta' provi hija manifestament indispensabbli. Qabel ma tibgħat talba ġdida lill-qorti fir-Renju Unit (jew qabel ma ttenni l-ewwel talba tagħha), hija tixtieq tkun taf jekk miżura bħad-deskrizzjoni fis-sens ta' l-Artikoli 129 u 130 tal-CPI taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1206/2001.

26. Huwa minnu li qorti ma tistax tiġi kkwalifikata bħala qorti ta' l-aħħar istanza, fis-sens ta' l-Artikolu 68(1) KE, sempliċement minħabba l-fatt li tadotta miżura proċedurali permezz ta' digriet mhux suġġett għal appell. Id-deċiżjoni interlokutorja mhijiex suġġetta għal appell għandha pjuttost tagħlaq proċedura awtonoma jew fażi partikolari tal-proċedura, u d-domanda preliminari għandha tkun relatata preċiżament ma' dik il-proċedura jew ma' dik il-fażi tal-proċedura.

27. Kif jirriżulta wkoll mill-fajl tal-kawża, id-deskrizzjoni ta' oġġett li jikser dritt tikkostitwixxi proċedura partikolari. Dan jirriżulta mhux l-inqas mill-fatt li din tista' tintalab qabel ma jiġi ppreżentat rikors dwar il-merti [12]. Il-proċedura ta' konservazzjoni u/jew tfittix tal-provi tingħalaq biss meta effettivament saret id- deskrizzjoni jew meta l-qorti li tkun orndataha tirrinunzja għall-implimentazzjoni tagħha, per eżempju minħabba li jkun irriżulta li ma tkunx possibbli.

11 — Artikolu 128(4) tal-CPI.

12 — Ara l-Artikolu 128(5) tal-CPI.

28. L-ewwel domanda preliminari hija intenzjonata preċiżament biex tikseb kjarifiki dwar il-punt jekk tistax tiġi eżegwita d-deskrizzjoni billi ssir talba lil qorti ta' Stat Membru biex twettaq kumpilazzjoni ta' provi fuq il-bażi tar-Regolament Nru 1206/2001. Għaldaqstant, din id-domanda hija strettament marbuta mal-proċedura distinta ta' konservazzjoni u/jew tfittix ta' provi permezz ta' miżura ta' deskrizzjoni. Peress li dik il-proċedura tingħalaq permezz ta' digriet mhux suġġett għal appell, il-qorti Taljana hija awtorizzata tagħmel rinviju preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 68(1) KE u 234 KE meħuda flimkien. L-ewwel domanda preliminari b'hekk hija ammissibbli.

29. Fil-fehma tiegħi, madankollu, it-tieni domanda preliminari hija inammissibbli.

30. Skond ġurisprudenza kostanti, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali stabbilita fl-Artikolu 234 KE, hija fil-kompetenza esklussiva tal-qorti nazzjonali li tkun ħadet konjizzjoni tal-kawża u li jkollha tassumi r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġudizzjarja sussegwenti biex tiddeċiedi, fir-rigward taċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, jekk tkunx meħtieġa deċiżjoni preliminari sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħti s-sentenza tagħha kif ukoll dwar ir-relevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Għaldaqstant, meta d-domandi preliminari li jkunu saru jkunu relatati ma' l-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, fil-prinċipju, obbligata li tagħti risposta [13].

31. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet ukoll li eċċezzjonalment huwa fil-kompetenza tagħha biex teżamina l-kundizzjonijiet li fihom ikun sarilha r-rinviju mill-qorti nazzjonali bil-għan li tivverifika l-kompetenza tagħha [14]. Jirriżulta minn ġurisprudenza kostanti li domanda li tkun saret minn qorti nazzjonali ma tistax tiġi rrifjutata ħlief jekk ikun jidher b'mod ċar li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt Komunitarju ma jkollha ebda relazzjoni mar-realtà jew massuġġett tal-kawża prinċipali jew meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex għad-dispożizzjoni tagħha l-elementi ta' fatt u ta' dritt meħtieġa biex tkun tista' twieġeb b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha [15].

32. Permezz tat-tieni domanda preliminari, il-qorti ta' rinviju tixtieq tkun taf x'obbligi għandha l-qorti rikjesta jekk it-talba ma tkunx kompluta jew jekk ma tkunx tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1206/2001, b'mod partikolari jekk għandhiex tibgħat konferma ta' l-irċevuta fit-terminu ta' skadenza u skond il-

13 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-15 ta' Diċembru 1995, Bosman (C-415/93, Ġabra p. I-4921, punt 59), u tat-13 ta' Lulju 2006, Manfredi *et* (C-295/04 sa C-298/04, Ġabra p. I-6619, punt 26).

14 — Sentenza Manfredi *et*, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punt 27.

15 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Bosman, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punt 61, u ta' l-10 ta' Jannar 2006, IATA u ELFAA (C-344/04, Ġabra p. I-403, punt 24).

proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 7 ta' l-istess Regolament u jekk għandhiex tindika li t-talba mhijiex kompluta.

33. Ir-risposta għal din id-domanda preliminari ma jista' jkollha ebda effett fuq id-deċiżjoni li l-qorti ta' rinviju tieħu fil-kuntest tal-proċedura ta' konservazzjoni ta' provi. Għall-kuntrarju, din tirrigwarda biss l-azzjonijiet tal-qorti rikjesta. Jekk ikun hemm dubji dwar l-obbligi ta' din ta' l-aħħar, ikun fil-kompetenza tagħha, jekk ikun il-każ, li tagħmel rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament Nru 1206/2001.

34. Minbarra n-nuqqas ta' relevanza tat-tieni domanda biex tiġi deċiża l-kawża prinċipali, din hija wkoll relatata ma' sitwazzjoni ipotetika. Min-naħa waħda, fil-fajl tal-kawża hemm indikazzjonijiet li l-qorti rikjesta tat konferma li rċeviet it-talba fit-terminu ta' skadenza stabbilita permezz tal-formola tat-tip B [16]. Xejn ma jindika li l-qorti rikjesta mhux ser tagħti konferma ta' l-irċevuta ta' talba ġdida. Barra minn hekk, xejn ma jippermetti li jiġi affermat li t-talba preċedenti jew talba ulterjuri kienet jew ser tkun mhux kompluta b'mod illi tkun meħtieġa informazzjoni addizzjonali permezz tal-formola tat-tip C [17].

B — *Fuq l-ewwel domanda preliminari*

35. L-ewwel domanda preliminari għandha tinftiehem fid-dawl taċ-ċaħda, mis-Senior Master, tat-talba għal asistenza ġudizzjarja. Jista' jiġi konkluż mir-risposta qasira tal-qorti rikjesta li fil-fehma tagħha, il-miżura ma kinitx taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament.

36. Barra minn hekk, wieħed jista' jinterpreta wkoll ir-risposta tas-Senior Master bħala li kien qed jinvoka r-raġuni ta' rifjut imsemmija fl-Artikolu 14(2)(b) tar-Regolament Nru 1206/2001. Skond dik id-dispożizzjoni, il-qorti rikjesta tista' tirrifjuta li teżegwixxi talba li ma taqax taħt il-poteri ġudizzjarji mogħtija lilha skond id-dritt ta' l-Istat Membru tagħha. Peress li t-Tribunale Civile di Genova talab l-eżekuzzjoni tat-talba skond forma speċjali prevista mid-dritt

16 — Il-Gvern tar-Renju Unit jipproduċi fl-Anness 2 ta' l-osservazzjonijiet tiegħu l-formola tat-tip B iddatata l-11 ta' Lulju 2005. Issa t-Tribunale Civile di Genova ma jsemmix dan id-dokument fid-digriet tiegħu, iżda jispjega li l-qorti rikjesta tat konferma li rċeviet it-talba "fi kwalukwe każ b'nota ta' l-20 ta' Settembru 2005". B'hekk mhuwiex magħruf b'mod ċar x'ġara eżattament mill-formola tat-tip B.

17 — Madankollu, ir-regolament jeħtieġ il-formola tat-tip H preċiżament sabiex il-qorti rikjesta tkun tista' tiġġustifika n-nuqqas ta' eżekuzzjoni tat-talba, jiġifieri li t-talba ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1206/2001. Madankollu, dik il-formola tista' tintuża wkoll għal komunikazzjoni dwar raġunijiet oħrajn ta' rifjut, per eżempju jekk it-talba ma tkunx taqa' taħt il-poteri ġudizzjarji mogħtija. Fil-każ fejn qorti jidhrilha li ma tistax twettaq att struttorju skond forma speċjali b'applikazzjoni tal-liġi ta' l-Istat tal-qorti rikjedenti (ara t-tieni sentenza ta' l-Artikolu 10(3) tar-Regolament Nru 1206/2001), dan għandu jiġi nnotifikat ukoll lill-qorti rikjedenti permezz tal-formola tat-tip E. Milli jidher, il-qorti Ingliża rikjesta ma użat ebda waħda minn dawn il-formoli.

Taljan (Artikolu 10(3) tar-Regolament) [18], irriżerva fformulata fit-tieni sentenza ta' l-Artikolu 10(3) wkoll tista' tkun applikabbli.

37. Sabiex tingħata risposta utli lill-qorti ta' rinviju għall-ewwel domanda preliminari, għandu jiġi eżaminat jekk talba għal deskrizzjoni ta' oġġett li allegatament jikser id-drittijiet ta' privattiva, inkluża r-riċerka, id-dokumentazzjoni u/jew is-sekwestru ta' dokumenti kummerċjali relatati kif ukoll it-teħid ta' kampjuni, taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1206/2001 u jekk tistax issir oġġezzjoni għall-eżekuzzjoni tagħha fuq il-bażi ta' waħda mir-raġunijiet hawn fuq imsemmija.

1. Qasam ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1206/2001

38. Skond l-Artikolu 1(1)(a) tiegħu, ir-Regolament Nru 1206/2001 huwa applikabbli f'materji ċivili jew kummerċjali, meta qorti ta' Stat Membru, b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tagħha, titlob lil qorti kompetenti ta' Stat Membru biex tipproċedi għall-kumpilazzjoni ta' provi. Jirriżulta sussegwentement mill-paragrafu 2 ta' dik id-dispożizzjoni li l-mezzi ta' prova mitluba għandhom ikunu destinati biex jintużaw fi proċedura ġudizzjarja li tkun infetħet jew li tkun prevista.

39. Aktar 'il quddiem nixtieq neżamina, flewwel lok, l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' kumpilazzjoni ta' provi u, sussegwentement, iċ-ċirkustanzi partikolari u r-regoli ġuridiċi ta' importanza fil-kuntest tal-protezzjoni ġudizzjarja kontra l-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Finalment, ser nindirizza l-oġġezzjonijiet mqajjma kontra l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1206/2001.

a) Interpretazzjoni tal-kunċett ta' kumpilazzjoni ta' provi

40. Il-kunċett ta' "kumpilazzjoni ta' provi" fis-sens ta' l-Artikolu 1(1)(a) tar-Regolament Nru 1206/2001 mhuwiex definit iktar 'il quddiem mil-leġiżlatur Komunitarju.

18 — Ara l-formola tat-tip A, punt 13 tat-talba, mehmuża fl-Anness A 1 ta' l-osservazzjonijiet tar-Renju Unit.

41. Fil-ġurisprudenza tagħha dwar il-Konvenzjoni ta' Brussell [19], il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet il-prinċipju li l-kunċetti tal-Konvenzjoni għandhom jiġu interpretati b'mod awtonomu [20]. Fir-rigward tad-definizzjoni, li hija relevanti għall-kamp ta' applikazzjoni, tal-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali" fis-sens ta' l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Brussell, il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod partikolari stabbilixxiet li għandhom jirriżultaw mill-Konvenzjoni ta' Brussell drittijiet u obbligi ugwali u uniformi għall-Istati kontraenti u għall-persuni kkonċernati, sa fejn dan ikun possibbli. Konsegwentement, it-termini ta' dik id-dispożizzjoni ma jistgħux jiġu interpretati bħala sempliċi referenza għad-dritt nazzjonali ta' xi wieħed mill-Istati kkonċernati [21].

42. Dan jgħodd ukoll, b'analoġija, għall-kunċett ta' kumpilazzjoni ta' provi, li l-interpretazzjoni tiegħu jiddependi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1206/2001. Għaldaqstant is-sens u l-portata tiegħu għandhom jiġu definiti b'mod awtonomu waqt li jitqiesu t-tifsira letterali, l-oriġini, l-ispirtu u l-iskop finali tar-Regolament.

43. Ir-Regolament Nru 1206/2001 huwa intenzjonat biex jikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern billi jtejjeb, b'mod partikolari permezz tas-simplikazzjoni u l-aċċelarazzjoni, il-kooperazzjoni bejn il-qrati fil-qasam tal-ksib ta' provi, kif jirriżulta wkoll mit-tieni premessa tiegħu. Dan l-objettiv huwa mħeġġeġ in kwantu l-mekkaniżmu ssimplifikat ta' assistenza ġudizzjarja previst mir-Regolament Nru 1206/2001 japplika għall-akbar għadd ta' miżuri possibbli ta' ġbir ta' informazzjoni ġudizzjarja. Il-kunċett ta' kumpilazzjoni ta' provi b'hekk m'għandux jiġi interpretat b'mod strett.

44. F'dan ir-rigward, jirriżulta fl-ewwel lok mill-interazzjoni bejn l-Artikoli 1(1) u 4(1)(e) u (f) tar-Regolament Nru 1206/2001 li l-iskop tat-talba m'huwiex strettament limitat għall-kumpilazzjoni ta' provi [22]. Barra minn hekk, wieħed ma jistax jitlob biss is-smigħ ta'

19 — Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1968 dwar il-ġurisdizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU 1972, L 299, p. 32), kif emendata bil-Konvenzjonijiet tad-9 ta' Ottubru 1978 dwar l-adeżjoni tar-Renju tad-Danimarka, ta' l-Irlanda u tar-Renju Unit tal-Gran Brettanja u l-Irlanda ta' Fuq (ĠU L 304, p. 1, u – test emendat – p. 77), tal-25 ta' Ottubru 1982 dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Greċja (ĠU L 388, p. 1), tas-26 ta' Mejju 1989 dwar l-adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża (ĠU L 285, p. 1), u tad-29 ta' Novembru 1996 dwar l-adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u tar-Renju ta' l-Iżvezja (ĠU 1997, C 15, p. 1) (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Brussell").

20 — Ara s-sentenzi tal-15 ta' Mejju 2003, Préservatrice foncière TIARD (C-266/01, Ġabra p. I-4867, punt 20) dwar il-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali", u tal-5 ta' Frar 2004, Frahuil (C-265/02, Ġabra p. I-1543, punt 22) dwar il-kunċett ta' "materja kuntrattwali". Il-Qorti tal-Ġustizzja applikat ukoll dik il-ġurisprudenza għar-Regolament (KE) Nru 44/2001 tal-Kunsill, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar il-ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenza f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU 2001, L 12, p. 1) (ara s-sentenza tat-13 ta' Lulju 2006, Reisch Montage, C-103/05, Ġabra p. I-6827, punt 29).

21 — Sentenza Préservatrice foncière TIARD, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 20, punt 20.

22 — Il-Kummissjoni, ukoll, tirrikonoxxi interpretazzjoni wiesgħa lill-kunċett ta' prova fil-Gwida Prattika tagħha dwar l-applikazzjoni tar-regolament dwar il-kumpilazzjoni ta' provi. Hija tgħid li l-kunċett ta' "prova" jinkludi *inter alia* s-smigħ ta' xhieda, tal-partijiet jew ta' esperti, il-produzzjoni ta' dokumenti, il-verifiki, l-istabbiliment ta' fatti, il-konsultazzjoni ta' speċjalisti dwar il-familja jew tal-ħarsien tat-tfal (ara l-punt 8 tal-Gwida Prattika, li tista' titniżżel minn http://ec.europa.eu/civiljustice/evidence/evidence_ec_guide_mt.pdf).

xhieda. Għall-kuntrarju, jirriżulta mill-Artikolu 4(1)(f) li l-kumpilazzjoni ta' provi tista' tkopri wkoll dokumenti jew oġġetti oħrajn li jistgħu jkunu suġġetti għal eżami viżwali jew jiġu analizzati minn esperti. Il-possibbiltà li tinkiseb prova permezz ta' perizja hija kkonfermata wkoll mill-ewwel subinċiż ta' l-Artikolu 18(2) li jirregola r-rimbors ta' l-onorarji mħallsa għall-intervent ta' esperti.

45. L-oġġetti li t-Tribunale Civile di Genova jirreferi għalihom fil-miżura istruttorja, jiġifieri l-kampjuni ta' sistema ta' rbit kif ukoll l-fatturi ta' xiri u bejgħ, irċevuti ta' kunsinna, ordnijiet ta' ħlas, ittri ta' offerti kummerċjali, materjal pubblikitarju u promozzjonali, data li tinsab f'arkivji ta' informazzjoni u dokumenti ta' ħruġ mid-dwana relatati jikkostitwixxu dokumenti u/jew oġġetti li qorti tista' teżamina hi stess fuq il-post jew tordna analiżi tagħhom minn espert. Għaldaqstant, l-oġġetti msemmija fil-miżura istruttorja huma, fil-prinċipju, aċċessibbli għal kumpilazzjoni ta' provi fis-sens tar-Regolament Nru 1206/2001.

b) Fuq il-konservazzjoni u t-tfittxija ta' provi f'każ ta' ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali

46. Id-domanda preliminari tidħol fil-kuntest ta' talba għal assistenza ġudizzjarja fil-kuntest ta' proċedura speċjali ta' konservazzjoni ta' provi fl-okkażjoni ta' ksur ta' dritt ta' proprjetà intellettwali. Fir-rigward ta' dawn il-proċeduri, kemm fuq livell internazzjonali kif ukoll fid-dritt Komunitarju, jeżistu regoli speċjali li jikkunsidraw ir-rekwiżiti partikolari intenzjonati biex jissalvagwardjaw dritt f'dik is-sitwazzjoni. Dawn ir-regoli għandhom jiġu kkunsidrati meta r-Regolament Nru 1206/2001 jiġi interpretat b'mod aktar wiesa'.

47. Kumpilazzjoni ta' provi tippresupponi b'mod ġenerali li l-oġġett tal-prova u l-element ta' prova huma indikati mill-parti li jkollha l-oneru tal-prova. Issa, is-sid ta' dritt ta' proprjetà intellettwali li jsir jaf bi ksur tad-dritt tiegħu spiss isib ruħu fid-diffikultà li ma jkunx jista' jiċċita preċiżament l-elementi ta' prova u li ma jkollux aċċess għalihom peress li dawn ikunu miżmuma minn min ikun wettaq il-ksur jew minn terzi. Barra minn hekk, f'dawn il-każijiet, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet ikun meħtieġa li tittieħed azzjoni malajr sabiex jiġi llimitat id-dannu kkawżat mill-ksur u biex jiġu ppreżervati l-provi qabel ma dawn jiddeterjoraw.

48. Sabiex tiġi żgurata protezzjoni effettiva tal-proprjetà intellettwali, l-Artikolu 50 tal-ftehim TRIPs b'hekk jawtorizza lill-awtoritajiet ġudizzjarji biex jordnaw l-adozzjoni ta' miżuri proviżorji immedjati u effikaċi biex, min-naħa waħda, jimpedixxu l-bejgħ ta'

merkanzija li tikser dak id-dritt u, min-naħa l-oħra, biex jikkonservaw l-elementi ta' prova li jistabbilixxu l-allegat ksur.

49. L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2004/48 jitlaq minn dik id-dispożizzjoni tal-ftehim TRIPs [23]. Skond dik id-dispożizzjoni, l-awtoritajiet ġudizzjarji huma obbligati li "jordnaw miżuri proviżorji immedjati u effettivi biex tiġi ppriżervata l-evidenza rilevanti fir-rigward tal-kontravenzjoni allegata". Dawn il-miżuri jistgħu "jinkludu deskrizzjoni dettaljata, ma' jew mingħajr kampjuni, jew il-qabda fiżika ta' l-oġġetti li biha saret il-kontravenzjoni, u, f'każijiet xierqa, il-materjali u l-istrumenti użati għall-produzzjoni u/jew id-distribuzzjoni ta' dawn l-oġġetti u d-dokumenti relatati magħhom".

50. Fl-Italja, l-Artikoli 128 *et seq* tal-CPI jittrasponu fid-dritt nazzjonali dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva. Stati Membri oħrajn għandhom strumenti simili [24]. Fir-Renju Unit, l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar il-Proċedura Ċivili (1997) (Civil Procedure Act 1997), flimkien ma' l-Artikolu 25.1(1)(h), jippermetti l-adozzjoni ta' ordni ta' tfittxija ("search order"). Dawn id-dispożizzjonijiet jikkodifikaw l-Anton Piller Order, li ġie żviluppat mill-ġurisprudenza [25] [26].

51. Ir-regoli u l-objettivi tad-Direttiva 2004/48 għandhom jiġu kkunsidrati fil-kuntest ta' l-interpretazzjoni tar-Regolament Nru 1206/2001 minkejja li, skond il-ħdax-il premessa tagħha, din m'għandhiex l-iskop li tistabbilixxi regoli armonizzati fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja [27]. Fil-fatt, kif jintqal iktar 'il quddiem fl-imsemmija premessa "[h]emm strumenti tal-Komunità li jiggvernaw dawn il-materji f'termini ġenerali u huma, fil-prinċipju, ugwalment applikabbli għall-proprjetà intellettwali".

52. Din il-motivazzjoni tissuġġerixxi li l-possibbiltà ta' l-assistenza ġudizzjarja, prevista mir-Regolament Nru 1206/2001, tingħata fil-proċeduri ta' konservazzjoni ta' provi previsti mid-Direttiva 2004/48, biex tiġi żgurata protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali wkoll f'każijiet ta' natura transkonfinali.

23 — Ara r-raba', il-ħames u s-sitt premessi tad-Direttiva 2004/48. Għal analiżi iktar profonda dwar din il-kwistjoni ara: McGuire, M.-R., "Die neue Enforcement Directive 2004/48/EG und ihr Verhältnis zum TRIPs-Übereinkommen", *Österreichische Blätter für gewerblichen Rechtsschutz und Urheberrecht, 2004, p. 255, kif ukoll Ibbeken, A., Das TRIPs-Übereinkommen und die vorgerichtliche Beweishilfe im gewerblichen Rechtsschutz*, Köln *et*, 2004.

24 — Ara, per eżempju, fi Franza is-"saisie contrefaçon" previst fl-Artikolu L. 615-5 tal-Kodiċi dwar il-Proprjetà Intellettwali (Code de la propriété intellectuelle). Għal studju kumparattiv dwar id-dritt Ġermaniż, Franċiż u Ingliż, ara Ibbeken, A., iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 23.

25 — Ara Anton Piller KG *v* Manufacturing Process Ltd [1976] 1 All E.R: 779.

26 — Ara Zuckerman, A., *Zuckerman on Civil Procedure*, it-2 edizzjoni, Londra, 2006, § 14.175; għal analiżi iktar profonda dwar l-iżviluppi, ara Ibbeken, A., iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 23, p. 111 *et seq*.

27 — Fir-rigward tal-fatti fil-kawża prinċipali, madankollu għandu jiġi kkunsidrat il-kamp ta' applikazzjoni *ratione temporis* tad-Direttiva 2004/48. Din daħlet fis-seħħ fit-22 ta' Ġunju 2004 u kellha tiġi trasposta qabel id-29 ta' April 2006 (ara l-Artikoli 20 u 21 tad-Direttiva 2004/48). Ir-regoli li joħorġu minn Direttiva qabel ma jiskadi t-terminu għat-traspożizzjoni tagħha jistgħu jiġu kkunsidrati biss b'mod limitat (ara s-sentenza ta' l-4 ta' Lulju 2006, Adeneler *et*, C-212/04, Ġabra p. I-6057, punti 117 *et seq*).

c) Oġġezzjonijiet għall-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1206/2001

i) Inapplikabbiltà tar-Regolament Nru 1206/2001 għall-miżuri ta' tfittxija u qbid?

53. Waqt li l-biċċa l-kbira tal-partijiet jiddikjaraw li huma favur l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1206/2001 f'każ bħal dak fil-kawża preżenti, il-Gvern Elleniku, l-Irlanda u l-Gvern tar-Renju Unit jopponu l-applikazzjoni ta' l-imsemmi Regolament essenzjalment fuq il-bażi ta' dawn l-argumenti:

54. Skond il-Gvern tar-Renju Unit, id-deskrizzjoni tinkludi miżuri ta' tfittxija u ta' qbid li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1206/2001. Għaldaqstant, fil-fehma tiegħu, għandha ssir delimitazzjoni bejn il-kumpilazzjoni ta' provi u l-atti ta' investigazzjoni qabel ma ssir riċerka effettiva tal-mezzi ta' prova. Barra minn hekk, fir-Regolament m'hemm ebda regola li tipproteġi d-drittijiet tal-partijiet kkonċernati matul tfittxija u qbid.

— Id-deskrizzjoni tikkostitwixxi miżura ta' tfittxija u qbid ("orders for search and seizure") li ma taqax taħt ir-Regolament.

55. Kumpilazzjoni ta' provi tikkonsisti fil-perċezzjoni u l-evalwazzjoni sensorjali ta' element ta' prova. F'dan ir-rigward, jinstemgħu l-istqarrijiet tax-xhieda, jinqraw id-dokumenti, u jiġu eżaminati oġġetti oħrajn. L-assistenza ġudizzjarja tkopri dawn l-azzjonijiet kollha, kif jirriżulta mill-Artikolu 4(1) (e) u (f) tar-Regolament Nru 1206/2001.

— Bħall-Konvenzjoni ta' l-Aja dwar il-kumpilazzjoni ta' provi, ir-Regolament ma jkoprix miżuri kawtelatorji u eżekuttivi ("provisional and protective measures").

56. Il-kumpilazzjoni ta' provi hija eżegwita bil-kundizzjoni li l-qorti jew persuna awtorizzata minnha, per eżempju espert, li jista' jkun *ex parte*, jkollhom aċċess għall-elementi ta' prova. L-ordni ta' deskrizzjoni jew ordni ta' tfittxija ("search order") tobbliga lid-detentur ta' l-element ta' prova jagħti aċċess. Ordnijiet ta' din in-natura intenzjonati għall-ksib ta' provi b'hekk huma intrinsikament marbuta mal-kumpilazzjoni ta' provi. Dan

— Il-miżuri kawtelatorji msemmija għandhom jiġu mitluba minn qorti Ingliża fuq il-bażi tar-Regolament Nru 44/2001.

jgħodd ukoll meta l-qorti ma teżaminax viżwalment hi stess, *in situ*, l-oġġetti ta' prova iżda meta persuna oħra tintervjeni biex tikkunsinna l-oġġetti jew biex tieħu l-kampjuni, u d-dokumentazzjoni (kopji fotostatiċi, ritratti, data kkonservata f'mezzi adattati jew dokumenti simili) jew il-kampjun jiġu ppreżentati lill-qorti biss sussegwentement.

57. Fil-kuntest tal-miżuri ta' konservazzjoni ta' provi, il-protezzjoni tad-drittijiet talpersuni kkonċernati hija wkoll żgurata. Fil-kuntest ta' l-assistenza ġudizzjarja, l-ordnijiet f'dan is-sens ta' ksib ta' provi normalment jingħataw skond id-dritt ta' l-Istat Membru tal-qorti rikjesta (Artikolu 10(2) tar-Regolament Nru 1206/2001). Dan jippermetti li jiġu rrispettati r-regoli proċedurali fis-seħħ fl-Istat fejn issir il-kumpilazzjoni ta' provi. Dawn ir-regoli jipproteġu d-drittijiet talkontroparti kif ukoll ta' terzi li jkollhom elementi ta' prova fil-pussess tagħhom.

58. Jekk il-kumpilazzjoni ta' provi ssir eċċezzjonalment skond forma speċjali b'applikazzjoni tad-dritt ta' l-Istat Membru tal-qorti rikjedenti (Artikolu 10(3) tar-Regolament Nru 1206/2001), il-kontroparti jew il-parti terza jsibu ruħhom ikkonfrontati bi dritt proċedurali barrani tal-pajjiż fejn issir il-kumpilazzjoni ta' provi.

59. Il-miżuri ta' konservazzjoni ta' provi li jistabbilixxu l-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali madankollu ġew armonizzati permezz tad-Direttiva 2004/48. F'dan il-kuntest il-liġijiet proċedurali ta' l-Istati Membri — dejjem jekk nassumu li d-Direttiva ġiet trasposta korrettament — ma jistgħux ivarjaw ħlief sal-punt fejn id-Direttiva tħalli ċerta diskrezzjoni għat-traspożizzjoni tagħha. Għall-bqija, id-dritt ta' l-Istati Membri għandu jkun konformi mal-prinċipji ta' portata ġenerali bħal, per eżempju, il-prinċipju ta' proċedura ġusta, il-protezzjoni tar-residenza u tal-proprjetà li huma ggarantiti permezz tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali (KEDB).

60. Jekk il-kumpilazzjoni ta' provi mwettqa skond id-dritt proċedurali barrani għandha madankollu tkun inkompatibbli mad-dritt nazzjonali jew impossibbli minħabba difficultajiet prattiċi maġġuri, tibqa', bħala l-aħħar rimedju, il-possibbiltà li tiġi miċħuda t-talba (it-tieni sentenza ta' l-Artikolu 10(3) tar-Regolament Nru 1206/2001). Iżda l-qorti rikjest għandha fl-ewwel lok tipprova, b'mezzi inqas radikali, teżegwixxi l-miżura mitluba b'mod modifikat b'mod illi jiġu rispettati l-garanziji tad-dritt nazzjonali [28].

61. Finalment għandu jiġi rrilevat li l-kunsiderazzjonijiet imsemmija s'issa huma relatati

28 — Ara, f'dan ir-rigward, b'mod iktar iddettaljat fil-punt 111 ta' dawn il-konklużjonijiet.

ma' l-ipoteżi fejn id-detentur ta' l-element ta' prova jikkoopera volontarjament fil-kumpilazzjoni ta' provi. Huwa biss meta l-persuna kkonċernata ma tagħtix aċċess għall-elementi ta' prova li wieħed għandu, jekk ikun il-każ, jirrikorri għal miżuri konstrinġenti biex tiġi eżegwita l-kumpilazzjoni ta' provi. Dawn l-isforzi aktar sostnuti kontra d-drittijiet tal-parti kkonċernata għandhom isegwu, skond l-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 1206/2001, esklussivament il-*lex fori* tal-qorti rikjesta.

62. Fil-kuntest ta' din il-kawża, dan ifisser li l-qorti Ingliża għandha teżegwixxi id-deskrizzjoni b'mod konformi mat-talba, fil-prinċipju skond il-forma speċjali prevista mill-Artikoli 128 u 130 tal-CPI kemm-il darba hija ma tinvoka ebda raġuni ta' rifjut. F'dan ir-rigward, il-kumpilazzjoni ta' provi tikkonsisti fl-ewwel lok fl-għoti ta' informazzjoni dwar is-sistema ta' rbit kif ukoll dokumenti u data relatati. Tista' tkopri wkoll it-teħid ta' dokumenti u oġġetti kemm-il darba jkun meħtieġ li l-oġġetti jiġu ppreżentati lil espert jew biex jiġu ppreżentati lill-qorti rikjesta jew lill-qorti rikjedenti għall-finijiet ta' evalwazzjoni diretta tal-provi. F'dan ir-rigward, irid jiġi rrispettat il-prinċipju ta' proporzjonalità.

63. Barra minn hekk, il-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali trid tiġi ggarantita skond l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2004/48. Dan l-obbligu jgħodd kemm għall-qorti rikjesta kif ukoll għall-qorti rikjedenti. Għaldaqstant, għalkemm it-Tribunale Civile di Genova awtorizza lir-rikorrent u lir-rappreżentant tiegħu biex jassistu għad-deskrizzjoni, huwa eskluda l-possibbiltà li dawn jikkonsultaw id-dokumenti kkonfiskati u talab li jintbagħtu f'pakkett issiġillat. Huwa konċepibbli per eżempju li l-qorti Taljana ma tintroduċix fil-proċeduri id-dokumenti kummerċjali sensittivi ħlief jekk hija tkun konvinta, fuq il-bażi tad-dokumentazzjoni, li kien hemm ksur tal-privattiva. Dan huwa l-uniku każ fejn ikun meħtieġ li jkunu magħrufa ċ-ċifri tal-bejgħ sabiex tiġi ddeterminata l-iskala tad-dannu.

64. Jekk RWO ma tibgħatx volontarjament l-oġġetti, l-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 1206/2001 jawtorizza l-applikazzjoni ta' miżuri konstrinġenti. Jekk dan huwa possibbli taħt id-dritt Ingliż u meħtieġ biex tkun tista' ssir il-kumpilazzjoni ta' provi, kampjun tas-sistema ta' rbit jista' per eżempju jiġi maqbud.

65. L-argument, skond liema l-miżuri mitluba mit-Tribunale Civile di Genova jmorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1206/2001, in kwantu huma miżuri ta' tfittxija u ta' qbid, b'hekk m'huwiex eżatt fil-ġeneralità tiegħu.

ii) Projbizzjoni tal-"pre-trial discovery"

66. Id-dubji mqajma mill-Gvern tar-Renju Unit kontra l-estensjoni ta' l-assistenza

ġudizzjarja għal miżuri ta' konservazzjoni ta' provi fi stadju preliminari qabel il-proċess japplikaw ukoll b'mod ċar għat-trattament li jista' jissejjaħ bħala il-"pre-trial discovery" li, f'diversi okkażjonijiet, kien is-suġġett ta' diskuzzjonijiet fi ħdan l-Akkademja ta' l-Aja [29].

67. Għandu jingħad b'mod preliminari li, skond l-Artikolu 1(2) tar-Regolament Nru 1206/2001, it-talba m'għandhiex tkun intenzjonata biex tikseb mezzi ta' prova li ma jkunux *maħsuba għall-użu fi proċedimenti ġudizzjarji, li jkunu bdew jew li hemm il-ħsieb li jinbdew.* Il-kwistjoni dwar jekk it-talba tissodisfax b'mod sħiħ dawn ir-rekwiżiti tqajjem ċerti dubji fir-rigward ta' l-ordni għad-deskrizzjoni ta' elementi oħrajn li jippruvaw l-aġir allegat bħal, per eżempju, fatturi, irċevuti ta' kunsinna, ordnijiet ta' ħlas, ittri ta' offerti kummerċjali, materjal pubblikitarju, data li tinsab f'arkivji ta' informazzjoni u dokumenti doganali.

68. B'differenza mill-Konvenzjoni ta' l-Aja dwar il-kumpilazzjoni ta' provi (Artikolu 23 ta' l-imsemmija Konvenzjoni), ir-Regolament Nru 1206/2001 ma fih ebda klawsola ta' riżerva dwar il-proċedura ta' "pre-trial discovery". Iżda, fl-okkażjoni ta' l-adozzjoni tar-Regolament Nru 1206/2001, il-Kunsill għamel id-dikjarazzjoni li ġejja Nru 54/01 [30]: "Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ma jkoprix il-'pre-trial discovery', b'mod partikolari l-'fishing expeditions'."

69. Skond ġurisprudenza kostanti, dikjarazzjoni fil-forma ta' protokoll tal-Kunsill tista' tiġi kkunsiderata fil-kuntest ta' l-interpretazzjoni ta' att ġuridiku kemm-il darba dak li jkun iddikjarat fiha jkun espress ukoll fit-test ta' l-att ġuridiku, u jekk dan ikun jippreċiża kunċett ġenerali [31]. Fil-kuntest ta' din il-kawża, id-dikjarazzjoni tippreċiża il-kundizzjoni ta' "użu fi proċedimenti ġudizzjarji, li jkunu bdew jew li hemm il-ħsieb li jinbdew" fis-sens ta' l-Artikolu 1(2) tar-Regolament Nru 1206/2001.

70. F'dan ir-rigward, l-esklużjoni tal-"pre-trial discovery", imsemmija fid-dikjarazzjoni, ma tistax tinftiehem fis-sens li kull proċedura ta' konstatazzjoni ta' fatti hija eskluża qabel ma tinbeda l-proċedura ġudizzjarja dwar il-merti. Din l-interpretazzjoni hija eskluża mit-test ta' l-Artikolu 1(2). Għall-kuntrarju, id-dikjarazzjoni tispjega li l-elementi ta'

29 — Dak li tkopri din ir-riżerva preċiżament, skond l-Artikolu 23 tal-Konvenzjoni ta' l-Aja dwar il-kumpilazzjoni ta' provi, mhuwiex iċċarat b'mod definittiv. L-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "pre-trial discovery" kienet is-suġġett ta' dikjarazzjonijiet esplikattivi mill-Istati kontraenti u ta' diversi konferenzi ta' l-Akkademja ta' l-Aja [ara l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet adottati mill-Kummissjoni speċjali dwar il-funzjonament prattiku tal-konvenzjonijiet dwar l-*apostille*, il-ksib ta' provi u n-notifika (tat-28 ta' Ottubru sa' l-4 ta' Novembru 2003), punti 29 sa 34, li jistgħu jitniżżlu minn: http://hcch.e-vision.nl/upload/wop/lse_concl_f.pdf]; ara wkoll Nagel, H./Gottwald, P., Internationales Zivilprozessrecht, is-6 edizzjoni, Köln 2006, § 8, punti 68 *et seq.* Dan jikkonsisti, fil-prinċipju, f'miżuri previsti mill-"common law" — l-iktar mil-liġi Amerikana — għall-produzzjoni, qabel isseduta, ta' informazzjoni li tkun fil-pussess tal-kontroparti.

30 — Ara r-rapport ta' kull xahar ta' l-atti tal-Kunsill, Mejju 2001: dokument Nru 10571/01, p. 16, ta' l-4 ta' Lulju 2001.

31 — Ara s-sentenzi tas-26 ta' Frar 1991, Antonissen (C-292/89, Ġabra p. I-745, punt 18); tat-3 ta' Diċembru 1998, Generics (UK) *et* (C-368/96, Ġabra p. I-7967, punti 26 u 27), u ta' l-10 ta' Jannar 2006, Skov u Bilka (C-402/03, Ġabra p. I-199, punt 42).

prova għandhom jiġu determinati mill-inqas b'livell ta' preċiżjoni li juri li jkun hemm konnessjoni ċara bejn il-proċedura li tkun inbdiet jew li jkun hemm ħsieb li tinbeda, u li l-assistenza ġudizzjarja tista' tirrigwarda biss l-elementi ta' prova nfushom, iżda mhux iċ-ċirkustanzi li jkollhom biss relazzjoni indiretta mal-proċedura ġudizzjarja.

71. Sabiex jiġi evitat il-ksib indebitu ta' provi fil-konfront tal-kontroparti permezz ta' 'l hekk imsejħa miżuri istruttorji ta' natura esploratorja ("fishing expedition"), jeħtieġ li ssir id-distinzjoni li ġejja, fir-rigward ta' ordnijiet għall-produzzjoni ta' dokumenti determinati.

72. Ordni għall-ksib ta' dokumenti hija inammissibbli jekk id-dokumenti li l-produzzjoni tagħhom hija mitluba jwasslu għall-iskoperta ta' provi li jistgħu jintużaw, iżda li fihom infushom ma jkollhom ebda valur ta' prova matul il-proċess ('l hekk imsejħa "train of enquiry" — tfittxija illeċita ta' elementi rilevanti fir-rigward ta' provi). F'każijiet bħal dawk, il-provi jintużaw biss indirettament. B'hekk, il-kundizzjoni "[għall-]użu fi proċedimenti ġudizzjarji" ma tkunx sodisfatta.

73. Min-naħa l-oħra, hija ammissibbli ordni għall-produzzjoni ta' dokumenti li ma jistgħux jinstabu ħlief bl-eżekuzzjoni ta' dik l-ordni, jekk id-dokumenti jkunu identifikati u deskritti bi preċiżjoni suffiċjenti u sakemm ikunu relatati direttament mas-suġġett talkawża. Hekk biss jista' jiġi evitat li jinkisbu provi indebitament, għad-detriment tal-kontroparti, li jmorru lil hinn mis-suġġett talkawża.

74. Fil-proċedura prinċipali, l-ordni ta' ksib ta' provi maħruġa mill-qorti Taljana, li permezz tagħha ġiet mitluba d-deskrizzjoni ta' fatturi ta' xiri u ta' bejgħ, irċevuti ta' kunsinna, ordnijiet ta' ħlas, ittri ta' offerti kummerċjali, materjal pubblikitarju u promozzjonali, data li tinsab f'arkivji ta' informazzjoni u dokumenti ta' ħruġ mid-dwana, hija maħsuba biex jiġu skoperti dawn l-elementi ta' prova. Permezz tad-dokumenti, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali għandu l-ħsieb jipprova l-ksur tal-privattiva kif ukoll l-iskala ta' dak il-ksur, u l-ammont ta' kumpens li jista' jkun dovut. It-talba tal-qorti Taljana hija ammissibbli in kwantu dawn l-elementi ta' prova huma maħsuba biex jintużaw fi proċedura ġudizzjarja li nbdiet jew li hemm il-ħsieb li tinbeda.

75. Madankollu, hija inammissibbli dik il-parti ta' l-imsemmija ordni fejn il-qorti Taljana titlob id-deskrizzjoni ta' dokumenti oħrajn mhux imsemmija ("per eżempju, iżda b'mod mhux eżawrenti"). F'dan ir-rigward, ma tingħatax deskrizzjoni preċiża tat-tipi ta' dokumenti oħrajn.

iii) Delimitazzjoni tal-kumpilazzjoni tal-provi u tal-miżuri kawtelatorji u eżekuttivi

76. B'differenza mill-partijiet l-oħrajn, il-Gvern Elleniku, l-Irlanda kif ukoll il-Gvern tar-Renju Unit huma tal-fehma li d-deskrizzjoni, inkluż il-qbid ta' dokumenti u t-teħid ta' kampjuni jikkostitwixxu miżura kawtelatorji jew eżekuttivi, u mhux kumpilazzjoni ta' provi fis-sens tar-Regolament Nru 1206/2001. Dan l-argument huwa bbażat fuq premessa doppja: fl-ewwel lok, il-miżuri kawtelatorji u eżekuttivi ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament u, fit-tieni lok, il-miżuri ta' konservazzjoni ta' provi in kwistjoni f'din il-kawża huma miżuri kawtelatorji u eżekuttivi. Jiena naqbel ma' l-ewwel premessa, iżda mhux mat-tieni.

— Il-miżuri kawtelatorji u eżekuttivi ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1206/2001

77. Qabel l-adozzjoni tar-Regolament Nru 1206/2001, il-Konvenzjoni ta' l-Aja dwar il-kumpilazzjoni ta' provi kienet tikkostitwixxi, essenzjalment, il-bażi ta' referenza ta' l-assistenza ġudizzjarja fil-kuntest tat-tfittxija ta' mezzi ta' prova — fi kwalunkwe każ, bejn l-Istati kontraenti tal-Konvenzjoni li fosthom madankollu kien hemm biss ħdax-il Stat Membru [32]. Ir-Regolament huwa intenzjonat biex joħloq bażi komuni għall-assistenza ġudizzjarja fil-Komunità kollha (ħlief għad-Danimarka) u li jissimplifika s-sistema [33].

78. L-inizjattiva proposta mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għall-finijiet ta' l-adozzjoni ta' Regolament tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni bejn il-qrati ta' l-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' provi f'materji ċivili u kummerċjali [34] segwiet, għal dak li jirrigwarda d-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni, il-formulazzjoni korrispondenti li tinsab fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' l-Aja dwar il-kumpilazzjoni ta' provi. Ir-Regolament għaldaqstant kellu japplika għat-talbiet biex issir kumpilazzjoni ta' provi jew att ġudizzjarju ieħor — bl-eċċezzjoni tan-notifika ta' atti ġudizzjarji jew extra-ġudizzjarji u *ta' miżuri kawtelatorji jew eżekuttivi* [35]. Fil-fatt dawn il-miżuri huma diġà koperti, minnaħa waħda, mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000, tad-29 ta' Mejju 2000, dwar [in-notifika] fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwist-

32 — Ara s-sitt premessa tar-Regolament Nru 1206/2001.

33 — Berger, C., "Die EG-Verordnung über die Zusammenarbeit der Gerichte auf dem Gebiet der Beweisaufnahme in Zivil- und Handelssachen (EuBVO)", — IPRax 2001, p. 522.

34 — ĠU 2000, C 134, p. 1.

35 — It-traduzzjoni Ingliża ta' l-inizjattiva Ġermaniża li għaliha jirreferi r-Renju Unit tidher li hija żbaljata fuq dan il-punt peress li dik is-silta hija tradotta bl-espressjoni "measures for the preservation of evidence or enforcement". Min-naħa l-oħra, il-verżjoni Franċiża, bħall-verżjoni oriġinali Ġermaniża, issegwi direttament it-test tal-konvenzjoni dwar il-kumpilazzjoni ta' provi u titkellem dwar "mesures conservatoires ou d'exécution". Skond dan il-mudell, il-verżjoni Ingliża kellha tkun "orders for provisional or protective measures".

jonijiet ċivili jew kummerċjali [36] u, min-naħa l-oħra, mill-Konvenzjoni ta' Brussell ta' l-1968, kif huwa indikat ukoll fis-seba' u t-tmien premessi ta' l-inizjattiva Ġermaniża.

79. B'differenza għall-inizjattiva Ġermaniża, ir-Regolament Nru 1206/2001 ma jinkludix "atti ġudizzjarji oħrajn" fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu u jsemmi biss il-kumpilazzojni ta' provi. Għaldaqstant, ma kienx meħtieġ li l-miżuri kawtelatorji jew eżekuttivi jiġu esklużi espressament mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu peress li dawn jistgħu jitqiesu biss bħala atti ġudizzjarji oħrajn, iżda mhux bħala kumpilazzjoni ta' provi. B'hekk huwa korrett li l-miżuri kawtelatorji jew eżekuttivi ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament.

— Proċedura ta' konservazzjoni ta' provi hija miżura kawtelatorja jew eżekuttiva?

80. Iżda dan ma jfissirx li t-tieni premessa hija wkoll korretta, jiġifieri li miżura ta' konservazzjoni u ta' tfittxija ta' provi bħad-deskrizzjoni, mitluba fil-proċedura prinċipali, tikkostitwixxi miżura kawtelatorja jew eżekuttiva, li fir-rigward tagħha ma tapplikax la l-Konvenzjoni ta' l-Aja dwar il-kumpilazzjoni ta' provi u lanqas ir-Regolament Nru 1206/2001, li huwa bbażat fuqha. Irrabta bejn ir-Regolament Nru 1206/2001 u l-Konvenzjoni fir-rigward ta' l-oriġini tagħhom b'hekk ma tagħti ebda ħjiel dwar id-delimitazzjoni tal-kumpilazzjoni ta' provi fir-rigward tal-miżuri kawtelatorji jew eżekuttivi.

81. Għandha ssir distinzjoni bejn żewġ tipi ta' miżuri proviżorji skond l-objettiv segwit: min-naħa waħda, l-ordnijiet li huma maħsuba biex jeżegwixxu s-sentenza nnifisha u, min-naħa l-oħra, il-miżuri ta' produzzjoni u ta' konservazzjoni ta' provi, li nistgħu naraw eżempju tagħhom fil-kawża preżenti quddiem it-Tribunale Civile di Genova.

82. Jekk ir-rikorrent fil-kawża prinċipali jirbaħ il-kawża, is-sentenza ġġiegħel lill-konvenut jiddeżisti mill-ksur tad-dritt tiegħu u, jekk ikun il-każ, biex iħallas id-danni. Miżura effikaċi biex jiġi ggarantit il-*ius prohibendi* hija l-qbid tal-merkanzija li tikser id-dritt, jew ta' apparat li jintuża għall-manifattura ta' dik il-merkanzija.

83. Iżda l-kawża preżenti ma tirrigwardax miżura intenzjonata biex tiżgura l-eżekuzzjoni ulterjuri tas-sentenza, bħal per eżempju l-qbid ta' l-istokk kollu ta' sistemi ta' rbit biex jiġi evitat t-tixrid tiegħu. Miżura ta' dak it-tip

36 — ĠU L 160, p. 37.

kien ikollha tkun ibbażata fuq l-Artikolu 129 tal-CPI. Il-qorti ta' rinviju, min-naħa l-oħra, talbet lill-qorti Ingliża biex teżegwixxi miżura ta' konservazzjoni ta' provi skond l-Artikolu 128 tal-CPI.

84. L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2004/48 sfortunatament ma jagħmilx distinzjoni bejn dawn iż-żewġ tipi ta' miżuri proviżorji. Filbidu, dik id-dispożizzjoni tirreferi għal miżuri ta' konservazzjoni ta' provi iżda sussegwentement tirreferi għall-qbid talmerkanzija li tikser id-dritt kif ukoll, jekk ikun il-każ, ta' materjali jew strumenti uzati għall-produzzjoni u/jew distribuzzjoni ta' dik il-merkanzija kif ukoll dokumenti relatati. Kif diġà spjegajt, effettivament dawn mhumiex miżuri ta' konservazzjoni ta' provi, iżda miżuri proviżorji intenzjonati biex jippreżervaw il-pretensjoni prinċipali.

85. Fil-kuntest tad-Direttiva 2004/48, distinzjoni stretta bejn dawn il-miżuri tista' tkun superfluwa. Din għandha madankollu importanza konsiderevoli għall-finijiet biex jiġi ddefinit il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1206/2001. Fil-fatt, ir-Regolament ma japplikax għal miżuri proviżorji maħsuba biex jippreżervaw il-pretensjoni prinċipali, iżda japplika għal miżuri ta' konservazzjoni ta' provi.

86. Din l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' miżuri kawtelatorji u eżekuttivi hija kkonfermata wkoll b'kunsiderazzjoni sistematika talfunzjoni ta' dak il-kunċett fil-kuntest regolatorju tal-Konvenzjoni ta' l-Aja dwar il-kumpilazzjoni ta' provi. L-esklużjoni ta' miżuri ta' dik in-natura hija intenzjonata biex tiddelimita l-oqsma ta' applikazzjoni rispettivi ta' l-imsemmija Konvenzjoni u tal-Konvenzjoni ta' Brussell ta' l-1968. L-inizjattiva Ġermaniża li tat lok għar-Regolament kienet ibbażata espressament fuq dan il-għan [37].

87. Għandu jiġi aċċettat l-argument tal-Gvern tar-Renju Unit li l-kunċett ta' kumpilazzjoni ta' provi fis-sens tar-Regolament Nru 1206/2001 m'għandux jinkludi l-miżuri kawtelatorji u eżekuttivi li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 44/2001, peress li anki fuq dan il-punt teżisti l-istess ħtieġa ta' delimitazzjoni.

88. L-Irlanda u l-Gvern tar-Renju Unit huma wkoll tal-fehma li l-miżuri in kwistjoni ta' konservazzjoni ta' provi kellhom jintalbu direttament lill-qorti Ingliża fuq il-bażi ta' l-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 44/2001 mingħajr ebda referenza għar-Regolament Nru 1206/2001.

89. L-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 44/2001 jistabbilixxi b'mod analogu għall-Artikolu 24 tal-Konvenzjoni ta' Brussell ta' l-1968 li "[t]ista' ssir [talba] lill-qrati ta'

37 — Ara s-seba' u t-tmien premessi ta' l-inizjattiva.

Stat Membru għal miżuri proviżorji bħal dawn, inklużi miżuri [kawtelatorji], skond kif jista' jkun disponibbli permezz tal-liġi ta' dak l-Istat, permezz ta' dan ir-Regolament, [lill-] qrati ta' Stat Membru ieħor li jkollhom il-ġurisdizzjoni dwar is-sustanza tal-materja".

90. Fis-sentenza St. Paul Dairy Industries, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Artikolu 24 tal-Konvenzjoni ta' Brussell ta' l-1968 ma japplikax għal miżuri awtonomi ta' konservazzjoni u tfittix ta' provi meħuda qabel l-introduzzjoni tar-rikors [38].

91. Bħala raġuni għal dik id-deċiżjoni hija semmiet b'mod partikolari li l-miżuri proviżorji fis-sens ta' l-Artikolu 24 tal-Konvenzjoni ta' Brussell ta' l-1968 kellhom jinftiehmu li jirreferu għall-miżuri li, fl-oqsma li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-konvenzjoni, huma maħsuba biex iżommu sitwazzjoni ta' fatt jew ta' dritt bil-għan li jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet li r-rikonoxximent tagħhom ikun mitlub lill-qorti fil-kawża dwar il-merti [39]. Id-dispożizzjoni b'hekk tapplika għal miżuri maħsuba biex jissalvagwardjaw il-pretensjoni materjali, iżda mhux l-eżekuzzjoni ta' miżuri proċedurali bħat-tfittix ta' mezzi ta' prova [40].

92. Barra minn hekk, hija saħqet dwar ir-riskju li r-regoli stabbiliti fir-Regolament Nru 1206/2001, applikabbli għall-assistenza ġudizzjarja, jistgħu jiġu evitati fil-kuntest tal-kumpilazzjoni ta' provi jekk il-miżuri għall-kumpilazzjoni ta' provi jkunu jistgħu jintalbu direttament, fuq il-bażi ta' l-Artikolu 24 tal-Konvenzjoni ta' Brussell ta' l-1968, mingħand qorti li ma jkolliex kompetenza biex tieħu konjizzjoni tal-kawża dwar il-merti [41]. Il-Qorti tal-Ġustizzja tat x'tifhem ukoll impliċitament li miżuri awtonomi ta' konservazzjoni u tfittix ta' provi għandhom jiġu kkwalifikati bħala kumpilazzjoni ta' provi fis-sens tar-Regolament Nru 1206/2001.

93. Il-possibilità meqjusa bħala prijoritarja mill-Irlanda u mir-Renju Unit, li l-provi jiġu kkonservati direttament minn qorti fejn ikunu jinsabu fuq il-bażi ta' l-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 44/2001, mhijiex rikonoxxuta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [42]. Għaldaqstant, lanqas m'hemm problema ta' delimitazzjoni jekk il-miżuri ta'

38 — Sentenza tat-28 ta' April 2005 (C-104/03, Ġabra p. I-3481, punt 25). Ara wkoll Geimer, R./Schütze, R. A., *Europäisches Zivilverfahrensrecht*, it-2 edizzjoni, Munik, 2004, A 1 — Artikolu 2 tar-Regolament EuGVVO (Regolament Nru 44/2001), punt 92 u Artikolu 31 EuGVVO (Regolament Nru 44/2001), punt 32.

39 — Sentenza St Paul Dairy, iċċitata iktar ' il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 38, punt 13.

40 — Ara wkoll CFEM Facades SA v Bovis Construction Ltd [1992] I.L. Pr. 561 QBD kif ukoll Schlosser, P., *Zivilprozessrecht*, it-tieni edizzjoni, Munik, 2003, Artikolu 32 tar-Regolament nru. 44/2001, punt 7, u l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' l-Aja dwar il-ġbir tal-provi, punt 4.

41 — Sentenza St. Paul Dairy, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 38, punt 23.

42 — Huwa mingħajr dubju dibattibbli jekk ir-rikorrent għandux ikollu l-għażla bejn iż-żewġ possibilitajiet: it-tfittxija tal-provi permezz ta' assistenza ġudizzjarja jew ir-riċerka tal-provi bl-intervent ta' qorti tal-post fejn ikunu jinsabu l-provi. It-tieni possibilità tista' tagħti riżultati aktar fil-pront, iżda jibqa' r-riskju li l-provi miġbura f'pajjiż barrani ma jkunux rikonoxxuti mill-qorti li tkun ħadet konjizzjoni tal-kawża dwar il-merti (Għal kritika tal-metodu adottat mill-Qorti tal-Ġustizzja, ara per eżempju: Mankowski, P., "Selbständige Beweisverfahren und einstweiliger Rechtsschutz in Europa", *Juristenzeitung* 2005, p. 1144, u Hess, B./Zhou, C., "Beweissicherung und Beweisbeschaffung im europäischen Justizraum", *Praxis des Internationalen Privat- und Verfahrensrechts* – IPRax 2007, p. 183). Indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk u f'liema ċirkustanzi huwa mixtieq li l-Konvenzjoni ta' Brussell ta' l-1968 jew ir-Regolament Nru 44/2001 jiġu applikati għal proċeduri awtonomi tal-kumpilazzjoni ta' provi, l-awturi ċċitati ma jqajmu ebda dubju dwar il-fatt li r-Regolament Nru 1206/2001 japplika fi kwalukwe każ.

konservazzjoni ta' provi jitqiesu bħala każ ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1206/2001. Għall-kuntrarju, l-esklużjoni ta' miżuri ta' din in-natura mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 44/2001 teħtieġ preċiżament li tiġi offruta l-possibilità ta' assistenza ġudizzjarja prevista mir-Regolament Nru 1206/2001 sabiex tiġi permessa l-konservazzjoni ta' provi fi Stat Membru ieħor fuq il-bażi tad-dritt Komunitarju.

d) Konklużjoni intermedjarja

94. Bħala konklużjoni intermedjarja jista' jingħad li d-deskrizzjoni fis-sens ta' l-Artikoli 128 u 130 tal-CPI, li l-eżekuzzjoni tagħha hija mitluba mit-Tribunale Civile di Genova, tikkostitwixxi kumpilazzjoni ta' provi fis-sens ta' l-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 1206/2001. Il-qorti rikjesta b'hekk għandha teżegwiha in kwantu l-miżuri huma deskritti bi preċiżjoni suffiċjenti b'mod li r-relazzjoni bejn il-provi li għandhom jiġu mfittxija u l-kawża (li fil-każ preżenti għad trid tinfetaħ) hija identifikabbli, u ma teżisti ebda raġuni għal rifjut.

2. Raġunijiet għal rifjut

95. L-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 1206/2001 jirregola r-raġunijiet li fuq il-bażi tagħhom il-qorti li saritilha t-talba tista' tirrifjuta li teżegwixxi talba. Skond l-Artikolu 14(2)(a) il-qorti rikjesta tista' tirrifjuta li teżegwixxi talba b'mod partikolari jekk dik tkun tmur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament kif definit fl-Artikolu 1. Madankollu, il-kamp ta' applikazzjoni huwa miftuħ f'din il-kawża kif spjegajt fl-analiżi preċedenti. Barra minn hekk, l-eżekuzzjoni ta' talba tista' tiġi rrifjutata fuq il-bażi ta' l-Artikolu 14(2)(b) jekk, skond id-dritt ta' l-Istat Membru tal-qorti rikjesta, din ma tkunx taqa' taħt l-attribuzzjoni ta' poter ġudizzarju.

96. Barra minn hekk, it-tieni sentenza ta' l-Artikolu 10(3) tar-Regolament Nru 1206/2001 tinkludi riżerva ta' ordni pubbliku applikabbli għat-talbiet li għandhom jiġu eżegwiti skond id-dritt tal-qorti rikjedenti. Il-qorti ta' rinviju użat dik il-possibilità billi talbet li tiġi eżegwita deskrizzjoni skond l-Artikoli 129 u 130 tal-CPI. B'mod ġenerali, il-qorti rikjesta għandha tilqa' wkoll dik it-talba, ħlief jekk il-forma mitluba ma tkunx kumpatibbli mad-dritt ta' l-Istat Membru tagħha jew minħabba diffikultajiet prattiċi maġġuri.

97. Iż-żewġ każijiet ta' rifjut jirreferu għar-regoli taħt id-dritt ta' l-Istat tal-qorti rikjesta. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tinterpreta dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali biex tistabbilixxi l-kompetenzi ta' l-awtorità ġudizzjarja skond id-dritt ta' Stat Membru,

jew il-forom ta' kumpilazzjoni ta' provi inkumpatibbli mad-dritt nazzjonali u/jew ir-raġunijiet ta' fatt għalfejn ma jistgħux jiġu eżegwiti. Dawn l-evalwazzjonijiet jaqgħu biss fil-kompetenza tal-qorti rikjesta.

98. Madankollu jirriżulta mill-ġurisprudenza li, meta dispożizzjoni Komunitarja tirreferi għal-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali, l-Istati Membri ma jistgħux jadottaw miżuri li jistgħu jikkompromettu l-effett utli tar-regoli Komunitarji li fi ħdanhom tkun integrata dik id-dispożizzjoni [43]. Fuq dan il-punt, ir-Regolament jimponi limiti esterni fuq id-diskrezzjoni tal-leġiżlaturi nazzjonali li jinkisru jekk id-dritt tal-liġi nazzjonali in kwistjoni jippreġudika l-effett utli tar-Regolament. F'dan il-kuntest, huwa fil-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja biex tinterpreta r-Regolament bil-għan li jiġu mħarsa dawn il-limiti.

99. F'dan ir-rigward, japplika bħala linja gwida ġenerali l-fatt li l-possibilità li tiġi rrifjutata l-eżekuzzjoni ta' talba bil-għan li titwettaq kumpilazzjoni ta' provi għandha tkun limitata għal sitwazzjonijiet eċċezzjonali definiti strettament biex tiġi żgurata l-effettività tar-Regolament, kif huwa indikat ukoll fil-ħdax-il premessa tar-Regolament Nru 1206/2001.

100. Skond il-Gvern tar-Renju Unit, il-qorti rikjesta ċaħdet it-talba fuq il-bażi li din ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1206/2001. Hija ma bbażatx ruħha fuq ir-raġunijiet possibbli ta' rifjut [44]. Bħal l-Irlanda, ir-Renju Unit isostni li, fi kwalunkwe każ, l-implimentazzjoni tal-miżuri mitluba lanqas ma taqa' taħt il-poter ġudizzjarju tal-qrati Ingliżi.

101. Taħt il-common law, it-tfittxija tal-provi ma taqax taħt il-kompetenza tal-qorti jew tas-servizzi relatati magħha. Għall-kuntrarju, huma l-partijiet li għandhom jipproduċu l-provi. Is-supervising solicitor li jikkunsinna u jeżegwixxi ordni ta' tfittxija skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar il-Proċedura Ċivili (1997), għalkemm huwa awtorità ġudizzarja indipendenti ("officer of the court") li jista' jiġi inkarigat mill-qorti, m'huwiex aġent ("agent") tagħha.

102. Min-naħa l-oħra, il-Gvernijiet ta' l-Iżvezja u tal-Finlanda kif ukoll il-Kummissjoni sostnew b'mod korrett, fir-risposti tagħhom għal domanda tal-Qorti tal-Ġustizzja, li għandha ssir distinzjoni bejn l-*ordni* għal miżura ta' tfittxija ta' provi u l-*implimentazzjoni* tagħha. L-eżekuzzjoni ta' talba għall-kumpilazzjoni ta' provi b'hekk ma tistax tiġi rifjutata għas-sempliċi raġuni li l-implimentazzjoni ta' forom partikolari ta' kumpilazzjoni ta' provi ma tagħmilx parti mill-

43 — Sentenza tat-18 ta' Jannar 2007, Confédération générale du travail *et* (C-385/05, Ġabra p. I-611, punt 35), li tirreferi għas-sentenza tad-9 ta' Settembru 2003, Jaeger (C-151/02, Ġabra p. I-8389, punt 59).

44 — Argument favur dan huwa l-fatt li l-qorti rikjesta ma baġtitx lura t-talba permezz tal-formoli tat-tip E jew H.

missjonijiet tal-qrati. Min-naħa l-oħra, huwa determinanti li l-qrati jkunu awtorizzati biex jordnaw il-miżuri mitluba. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar il-Proċedura Ċivili (1997) u parti mill-Artikolu 25 tar-Regoli tal-Proċedura Ċivili, meta meħuda flimkien, jidhru li jagħtu lill-qrati Ingliżi kompetenza f'dan is-sens [45].

103. Barra minn hekk, kif osservat korrettament il-Kummissjoni, mhuwiex imperattiv li l-poter ġudizzjarju jista' jiġi eżerċitat biss minn persuni intergrati, fuq livell organizzattiv, mal-qorti. "Supervising solicitor" li jintervjeni fuq talba mill-qorti — jew minn xi parti — biex jiżgura li ordni ta' tfittxija tiġi debitament notifikata u implimentata jista' jitqies ukoll li jagħmel parti mill-poter ġudizzjarju. Din l-interpretazzjoni hija appoġġata mill-fatt li huma biss solicitors speċifiċi li jkunu partikolarment esperti, huma inkarigati b'din il-funzjoni [46]. Barra minn hekk, l-imparzjalità meħtieġa fl-eżerċizzju tal-missjoni tagħhom hija ggarantita bil-fatt li huma ma jistgħux ikunu parti millistess ditta ta' avukati bħar-rappreżentant tar-rikorrent [47].

104. Kieku l-eżami tal-provi mwettaq millqorti nnifisha biss kellu jitqies li jaqa' taħt ilkunċett ta' poter ġudizzjarju, l-effett utli tar-Regolament ikun wisq ristrett. Per eżempju, kieku ma tkunx tista' titqies il-perizja li ma tistax tiġi mwettqa mill-qorti nnifisa iżda minn espert.

105. Għaldaqstant, ir-rifjut ma jistax jiġi ġġustifikat fuq il-bażi ta' nuqqas ta' poter ġudizzjarju jekk miżura ta' konservazzjoni ta' provi bħad-deskrizzjoni fis-sens ta' l-Artikoli 128 u 130 tal-CPI tiġi eżegwita, skond iddritt ta' l-Istat Membru rikjest, mhux millqorti nnifisha, iżda minn awtorità ġudizzjarja indipendenti ("officer of the court") inkarigata mill-qorti.

106. L-oġġezzjoni li, fil-"common law", il-provi huma mressqa mill-partijiet, ukoll tista' tinftiehem bħala referenza għar-riżerva li tinsab fit-tieni sentenza ta' l-Artikolu 10(3) tar-Regolament Nru 1206/2001. Skond din id-dispożizzjoni, il-qorti rikjesta tista' tirrifjuta li teżegwixxi talba skond il-forma prevista mid-dritt ta' l-Istat tal-qorti rikjedenti jekk il-forma mitluba ma tkunx kumpatibbli mad-dritt ta' l-Istat Membru tagħha jew minħabba diffikultajiet prattiċi kbar.

107. F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat fl-ewwel lok li dik ir-riżerva ma tapplikax

45 — Fil-prattika, il-qrati jidhru li jużaw dan l-istrument b'mod pjuttost restrittiv. Jidher li l-prassi hi li l-partijiet infushom jiġu obbligati biex jiżvelaw id-dokumenti u l-oġġetti li jkunu fil-pussess tagħhom ("disclosure"). Huwa biss meta l-proċedura ta' żvelar ma tkunx biżżejjed biex jiġu ppreżervati l-provi li ssir applikabbli l-ordni ta' tfittix (ara Zuckerman, A., iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 26, punt 14.177).

46 — Practice Direction 25 — Interim injunctions, 7.2.

47 — Practice Direction 25 — Interim injunctions, 7.6.

sempliċement għaliex il-miżura mitluba skond id-dritt barrani ma tkunx preċiżament ekwivalenti għad-dritt nazzjonali u għall-prattika nazzjonali [48]. Kieku kien mod ieħor, l-Artikolu 10(3) tar-Regolament Nru 1206/2001 jitlef kull skop prattiku. Fil-fatt, il-formulazzjoni tar-riżerva li tinsab fir-Regolament tmur espressament lil hinn mit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni ta' l-Aja dwar il-kumpilazzjoni ta' provi li jawtorizza rifjut meta t-talba biex tiġi eżegwita proċedura b'forma speċjali ma tkunx konformi mal-konswetudni ġudizzjarja ta' l-Istat rikjest.

108. Għall-kuntrarju, il-qorti rikjesta għandha qabel kollox tagħmel kull sforz biex teżegwixxi l-miżura skond id-dritt ta' l-Istat rikjedenti, sa fejn dan ikun possibbli fi ħdan il-limiti tal-mezzi li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha.

109. F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkunsidrat li l-fatt li qorti ta' Stat Membru tindirizza direttament, permezz tat-talba tagħha għall-kumpilazzjoni ta' provi, lil qorti stabbilita fi Stat Membru ieħor, tikkostitwixxi l-essenza ta' l-assistenza ġudizzjarja skond ir-Regolament Nru 1206/2001. L-assistenza ġudizzjarja ma tistax tkun wisq oneruża, billi jiġu imposti obbligi wisq wiesgħa fuq il-partijiet involuti fil-proċedura quddiem il-qorti rikjedenti, fil-fażi tat-tfittxija ta' provi fl-Istat talqorti rikjesta [49].

110. Barra minn hekk, skond l-Artikolu 18 (1) tar-Regolament Nru 1206/2001, l-eżekuzzjoni tat-talba m'għandhiex toħloq pretensjoni għal xi rimborż ta' taxxi jew spejjeż. Skond l-Artikolu 18(2) il-qorti rikjesta tista' teħtieġ biss ir-rimborż ta' l-ispejjeż taddrittijiet imħallsa lill-esperti u interpreti kif ukoll l-ispejjeż li jirriżultaw mill-kumpilazzjoni ta' provi skond proċedura speċjali prevista mill-Artikolu 10(3) u (4).

111. Meta ma jkunx possibbli li tiġi eżegwita l-ittra tat-talba skond id-dritt barrani minħabba dispożizzjonijiet nazzjonali kuntrarji jew minħabba diffikultajiet prattiċi kbar, it-talba m'għandhiex tintbagħat lura *a priori* qabel ma tkun ġiet eżegwita. Skond l-interpretazzjoni meħtieġa tar-Regolament Nru 1206/2001, favur l-assistenza ġudizzjarja, il-qorti rikjesta għandha għall-kuntrarju teżegwixxi l-miżura mitluba f'forma modifikata b'mod li jkun kumpatibbli mar-regoli nazzjonali [50]. Jekk dan ma jkunx possibbli, jibqa' l-possibilità li tiġi applikata proċedura analoga taħt id-dritt nazzjonali [51].

48 — Ara Rauscher, T., u. v. Hein, J., *Europäisches Zivilprozessrecht*, it-tieni edizzjoni, Munik, 2006, Artikolu 10 EG-Bew VO (Regolament Nru 1206/2001), punt 13.

49 — Fil-każ ta' smigħ ta' xhieda permezz ta' assistenza ġudizzjarja skond ir-Regolament Nru 1206/2001, huwa espressament previst fil-Practice Direction 34 — Depositions and Court Attendance by Witness, 11.3 per eżempju, li t-Treasury Solicitor jassumi l-funzjoni ta' rikorrent quddiem il-qorti rikjesta. Ara wkoll, f'dan ir-rigward, Layton, A./Mercer, H., *European Civil Practice*, it-tieni edizzjoni, Londra, 2004, punt 7.062.

50 — Ara Rauscher, T., u v. Hein, J., iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 48, Artikolu 10 EG-Bew VO (Regolament Nru 1206/2001), punti 22 *et seq.*

51 — Huber, S., f':Gebauer, M. u Wiedmann, T., *Zivilrecht unter Europäischem Einfluss*, Stuttgart *et*, 2005, Kapitolu 29, punt 133.

112. Fl-istadju attwali tal-proċedura, il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu mhijiex kompetenti biex tinterpreta b'mod definittiv id-dispożizzjonijiet applikabbli tar-Regolament dwar raġunijiet eventwali ta' rifjut jew riżervi eventwali. Għall-kuntrarju, dawn il-kwistjonijiet għandhom fl-ewwel lok jiġu indirizzati mill-qorti rikjesta. Jekk din ta' l-aħħar ikollha dubji dwar il-portata tad-dispożizzjonijiet, hija tkun awtorizzata u obbligata, bħala qorti ta' l-aħħar istanza, tagħmel rinviju preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja li tkun tista' tieħu pożizzjoni aktar preċiża dwar l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 14(2)(b) u t-tieni sentenza ta' l-Artikolu 10(3) tar-Regolament Nru 1206/2001, waqt li tieħu konjizzjoni tas-sitwazzjoni ta' fatt u ta' dritt.

V — Konklużjoni

113. Fuq il-bażi tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena nipproponi li tingħata din ir-risposta għall-ewwel domanda preliminari tat-Tribunale Civile di Genova:

"Miżuri ta' konservazzjoni u ta' tfittxija ta' provi bħad-deskrizzjoni fis-sens ta' l-Artikoli 128 u 130 tal-Kodiċi Taljan dwar il-Proprjetà Industrijali jikkostitwixxu miżuri struttorji li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni definit mill-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001, tat-28 ta' Mejju 2001, dwar kooperazzjoni bejn il-qrati ta' l-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali, li l-qorti ta' Stat Membru għandha teżegwixxi fuq talba ta' qorti ta' Stat Membru ieħor kemm-il darba ma jkun hemm ebda raġuni għal rifjut."